# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ
L-AKKADEMJA TAL-MALTI

ĠUNJU
1976

***EDITORJAL:***

# IR-REVIŻJONI TA' "IT-TAĦRIĠ"

*It-"Taħriġ" li kienet ħarġet il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fil-bidu tagħha meta l-Malti kien għadu jissielet għal jeddijiet tiegħu, sewa mitqlu deheb għax bena ortografija xjentifika u ġab l-uniformità fil-kitba tal-Malti u ma ħalliex li tibqa' ssaltan dik it-taħwida li kul-ħadd kien jikteb kif jidhirlu. Il-Malti llum ħa l-libsa li tixraqlu u ħa jeddu. Imma lingwa hija ħaġa ħajja u bħal kull ħaġa ħajja oħ.a tikber, tiżdied, tinbidel u tieħu suriet oħra waqt li żżomm l-identità tagħha. Illum fil-Malti daħal ħafna kliem romanz, ieħor anglosassonu u dawn kollha jridu b'xi mod jilbsu l-libsa Maltija li mhux dejjem tiġihom. Ħafna drabi tibqa' mkittfa fuqhom, u drabi oħra tistona fuqhom.*

*Kien għalhekk li nħasset il-ħtieġa li titwaqqaf kummissjoni biex tistudja kif torqom it-"Taħriġ" u tadattah għall-ħtiġ'jiet ta' llum u żżid dak li llum jinħass nieqes fih imħabba ċ-ċirkostanzi ġodda li tfaċċaw quddiemu. Dan hu meħtieġ mhux biss biex tinżamm l-uniformità meħ-tieġa fl-ortografija imma anki biex ma nħawdux iktar milli meħtieġ moħħ iż-żgħażagħ fl-iskejjel u naqtgħulhom qalbhom jekk ma nisslu-lhomx ukoll stmerrija għal ilsienna. Dan jistgħu jitkellmu fuqu b'es-perjenza mhix żgħira l-għalliema fl-iskejjel li jħabbtu wiċċhom kull jum ma' dawn id-diffikultajiet.*

*F'waħda mil-laqgħat kulturali li matul is-sena tagħmel l-Akka-demja għall-pubbliku b'mod speċjali għall-istudenti, tkellem is-sur Erin Serracino Inglott fejn fisser l-idea tiegħu fuq ċerti pu ıti ortografiċi li fuqhom ma jaqbilx mal-ortografija preżenti. Is-Sur Erin mhux biss xandar bil-kelma l-opinjoni tiegħu imma mexa fuqha b'kitbietu f' "Il-Miklem" li qed jippubblika. B'hekk l-istudent u l-istudjuż ser ikollu quddiemu l-ortografija tal-għaqda bl-assimilazzjonijiet li għamlet ma-tul is-snin u t-tibdil li s-sur Erin adotta. Waqt it-taħdita s-sur Erin wieġeb għal xi punti mit-taħdita li kien għamel xi ġimgħat qabel il-Professur Aquilina fejn ikkritika ċerti żbalji u innovazzjonijiet li qed isiru fil-kitba tal-Malti. Wara l-laqgħa tas-sur Serracino fejn ipprova jwaqqa' l-ideat ta' 'Aquilina, il-Professur tenna l-istqarrija u l-ammis-sjoni ferm importanti li kien għamel qabel waqt it- taħdita tiegħu. Hu qal lis-sur Erin li mhix fil-kompetenza tal-istudjuż li jbiddel jew isewwi*

*irqaqat fl-ortografija imma hija ħaġa biss tal-Akkademja għax l-ortografija hija tagħna u hu, għad li professur tal-Malti, joqgħod għaliha meta hi tippronunzja ruħha inkella jerġa' jinħoloq it-taħwid li kien hawn qabel meta kulħadd kien jidhirlu li l-mod kif jikteb hu huwa l-aħjar. U hekk għandu jagħmel kulħadd, qal il-Professur. Dan jidhrilna li kien ta' eżempju għal kulħadd u qed insemmuh hawn f'dan l-editorjal biex jibqa' bħala nota storika fejn il-professur tal-Malti fl-Università, li barra li hu professur hu studjuż kbir tal-Malti u għamel bosta tiftix fuq ilsienna, jiddikjara li hu jissottometti ruħu għall-ġudizzji tal-Akkademja.*

*L-interess li qajmu dawn iż-żewġ laqgħat u d-diskussjoni li saret warajhom juru l-ħtieġa kbira li qed tinħass li l-Akkademja tfittex tlesti x-xogħol tagħha ta' reviżjoni u tagħti deċiżjoni li fuqha wieħed ikun jista' jimxi. Hu meħtieġ li l-istudju jsir sewwa u bir-reqqa, isir minn nies kompetenti fil-materja, li jkunu konsultati l-istudjużi kollha u l-għalliema tal-Malti. Imma daqs kemm hu meħtieġ li dan l-istudju jsir sewwa tant ieħor hu meħtieġ li jitħaffef mill-aktar fis possibbli mingħajr għaġla jew tferfix żejjed.*

*Ta' min jinnota wkoll kif il-ġurnali u l-mezzi ta' xandir qed jgħaffġu u jħassru b'mod li se jkun irreparabbli l-idjoma Maltija.*

*Jeħtieġ li kull min għandu xi tagħrif, xi diffikultajiet, xi problemi, xi kummenti fuq l-ortografija jibgħathom lill-Kummissjoni "Taħriġ" Akkademja tal-Malti, Palazzo Caraffa, Valletta. B'hekk ikun qed igħin l-istudju li qed isir. U hekk ikun jista' jkollna fi żmien qasir it-"Tagħrif" aġġornat. Hawn l-Akkademja tal-Malti tkun wettqet wieħed middmirijiet l-aktar fundamentali tal-eżistenza tagħha.*

# ĠUH

Jibku n-nisa
u jqattgħu sidirhom
jagħsru n-nixfa fi ħluq imġewħa.
U l-ulied bla sura
bl-ilsna mqarqċin
itiegħmu, u jilagħqu
demgħat morri
u melħin.

**JANE CORTIS.**

# IL-JYLLAND

Lill-illawrjati ġodda fil-liġi:
Dr. Alfred Grech u Dr. Joseph Borg, b'ħajr.

Fools! for I also had my hour"
G.K. Chesterton.

Għajruni, tuni, li jien xiħ u mormi,
Li min-Norveġja ġejt sabiex immut;
Biex fl-ikħal tagħkom negħreq taħt ix-xmejxa
U l-mewġ qalil ikunli ta' tebut.

Tabelli b'ilsien stramb issib ġo fija
Li jġegħluk tħares, qisek ors;
Tgħajruni sew li b'ħolm biss mimli moħħi
Taż-żgħażagħ xewqanin fl-aqwa tal-għors,

Ta' żmenijiet oħrajn, xħin fl-aqwa tiegħi,
Jien froqt il-mewġ il-griż tal-Baħar Fuq
Xħin naqsam kont min-naħa għall-oħra ċkejkna
Fil-borra u s-silġ, fil-mewġ lubien misjuq.

Tal-ibħra mqallba sew jien qatt ma kont;
U fl-oċeani l-kbar għad li ssugrajt
B'nifsi maqtugħ kont nilheġ biex le negħreq
Biex le f'ilsien in-nies ma naqa' b'ċajt.

Tgħajruni li jien xiħ! Ma ġara xejn!
Għax jien ukoll kelli sigħeti l-kbira
Xħin il-Maltin capċpuli f'Sirakusa
Ċapċipa m'ogħla sema bla tmaqdira!

30/11/'75

WALLACE PH. GULIA.

# Kunsiderazzjoni Dwar il-Poeżija f'Malta Fis-Seklu Dsatax

OLIVER FRIGGIERI

IT-TIENI PARTI

Gio. Antonio Vassallo (1817-1868) daħħal bis-saħħa kollha s-sens patrijottiku fil-poeżija. Fis-sunett *Il clima di Malta* niltaqgħu sikwit ma' l-espressjoni "o patria mia", imtennija bosta drabi mill-poeti risorġimentali, fosthom Giovanni Prati. Kiteb ukoll novella poetika *Fra Caspru u ir-Re* li, minkejja li hija bil-Malti, għandha ħafna espressjonijiet bit-Taljan u xi drabi strofijiet sħaħ bid-djalett Sqalli. Gaetano Farrugia (18) jsib għadd ta' paralleliżmi u ta' tixbiħat tewmija bejn x-xogħol ta' Vassallo u n-novella *Messer Bernabo' Signor di Milano* ta' Franco Saccheti (1335-1410), xogħol ieħor ta' nisel popolari.

Ramiro Barbaro di San Giorgio (1840-1920) kiteb sunetti akrostiċi u epigrammi, waqt li Carlo Bajona (1839-1909) daħal fil-ġgajta bla tmiem tal-poeti ta' l-awguri u tal-versi ta' l-okkażjoni.

Lorenzo De Caro (1817-1853) li ħalla minn żgħożitu lill-gżira biex imur jistudja fl-università ta' Pisa, kiteb żewġ karmi u ktieb ta' poeżiji *Ore solitarie* fejn jaħkem is-sens ta' telfien romantiku, imtaqqal b'niket intimu. Il-kompożizzjonijiet *A.T. Biancini* (skond il-premessa għall-poeżija l-oħra tiegħu *Visione a Tommaso Biancini,* hu nqeda b'isem arkadiku) u *La Fantasia* huma mgħobbija b'ilħna moħbija ta' Monti. *A Maria,* li tissuġġerixxi d-dehra ta' Laura, hi mfawra b'malinkonija ta' xeħta petrarkeska.

Is-sehem tiegħu fl-ispiritwalità romantika taż-żmien aktarx li hu l-aqwa valur tiegħu. Dan jidher sew fiż-żewġ ballati romantiċi *Il-Crocciato in Palestina* u *Gloria e sventura.* B'din il-kitba ngħaqad għal kollox max-xejra poetika kontemporanja, għaliex fl-ewwel egħxieren ta' snin tas-seklu dsatax ħadet daqqa 'l quddiem fl-Italja l-ballata romantika jew romanza (19) li kienet tkanta jew tirrakkonta leġġendi taż-żminijiet tan-nofs jew stejjer sewdiena ta' mħabba. Iż-żewġ romanzi ta' De Caro idaħħluh fil-klassi fejn hemm ukoll Prati, Aleardi u Marradi; u dan igħodd l-aktar għal *Il Crociato in Palestina* li għandha wkoll argument medjevali.

*L-Inno guerriero di donne maltesi il di' 8 settembre 1565* jantiċipa

18. Gaetano Farrugia: **per una novella poetica di G.A. Vassallo** f'**La Brigata,** IV, vol. iii, 4, paġġ. 89-90.
19. Fil-poeżija Maltija ta' l-ewwel nofs tas-seklu dsatax, eżempju rari ta' ballata romantika jew romanza hu **Almanzor u Maria** ta' Gio. Ant. Vassallo.

l-produzzjoni wiesgħa ta' innijiet risorġimentali lill-patrija li jfawru lill-poeżija Maltija ta' l-ewwel egħxieren ta' snin tas-seklu għoxrin u jfakkar fl-ewwel kor ta' l-*Adelchi* u l-odi *Marzo 1821* ta' Manzoni. L-argumenti, issuġġerit mill-ġrajja, jieħu s-sura ta' mistennija qalbiena, ġirja lejn il-ħelsien tal-patrija. De Caro jżomm saħansitra l-metru tas-senari doppji tal-kor *Dagli atri muscosi;* il-versi huma dodekasillabi, u f'kull strofa t-tielet u s-sitt vers huma tronki, waqt li fl-oħrajn huma pjani; ir-rimi għandhom huma wkoll l-istess skema tal-kor manzonjan:

*O patrii guerrieri, se cara vi suona*
*La casta preghiera che il libro sprigiona*
*Di madri e di spose, che "all'armi" ascoltar...*

Ir-rivista kulturali *L'arte*, maħruġa għall-ewwel darba fl-1862, xandret żewġ sunetti, *La bellezza* ta' S. Macaluso Storaci; il-konċezzjoni u l-lingwaġġ huma danteski għal kollox.

*Tu pei zaffirei campi ove il Motore*
*Eterno entro degli astri t'ascondea.*

Cristoforo Frendo (1760-1834) irnexxielu jwaħħal flimkien il-forma metastasjana mal-ħerqa foskoljana. L-odi *Al Tempo* tieħu l-argument tagħha mill-kuntrast foskoljan bejn il-preżent u l-ġejjieni, bejn ir-rebħa fuq il-qerda u x-xejn ta' dejjem, iżda jħaffef kollox b'versi qabbieża.

It-ton tejatrali u deklamatorju u d-deskrizzjoni kiesħa u mibnija bir-reqqa kif insibuhom f Vincenzo Monti jinstabu wkoll fis-sunett *La morte di Cristo* fejn Frendo jfittex it-tensjoni u l-effetti minn barra. Fil-*Bassvilliana* d-drammatiċità tilħaq l-għola grad tagħha fil-qtil tar-re; is-sultan imut u l-art u l-baħar jitriegħdu. Fit-terzini *Per la passione di nostro Signore* Monti jfittex effetti oħra bħal dawn. Frendo joħloq l-istess xena, bl-istess mezzi retoriċi, u sikwit iżomm l-istess tixbihat u kliem:

*Mesto oscurossi 'l sol; perpetua notte*
*Inorridite paventar le genti;*
*Tremo' la terra, e dalle tombe algenti*
*Sbalzo' le spoglie in cenere ridotte.*

L-imġiba spettakolari, mogħnija bl-indħil ornamentali tal-mitoloġija f'kuntest kristjan (kif jagħmel, ngħidu aħna, Monti fis-sunett *Sulla Morte di Giuda*) tinstab ukoll fis-sunett *Risurrezione* fejn Frendo

jinqeda anki bl-istess antonomasja montjana għal Alla: "L'Eterno Fabbro".

*La luce* ta' l-abb. G. Corogna, imxandra fl-1864 fir-rassenja *L'arte,* toffri diwi ieħor tal-*Bellezza dell'Universo*. Anki l-antonomasja, meħuda minn Frendo, hi magħżula wkoll minn Corogna li fil-*Creazione* juri xebh tematiku u stilistiku montjan wisq aktar fid-deher.

Ir-rabta spiritwali bejn poeti Taljani u poeti Maltin bdiet tikber ġmielha fl-aħħar snin tas-seklu dsatax u fil-bidu tas-seklu l-ġdid. Il-poeżija, essenzjalment, hija romantika, imsejsa fuq id-dehra emozzjonali tal-poeti Taljani ta' l-ewwel romantiċiżmu u wisq aktar tat-tieni wieħed. Bħal dik tal-poeti tar-Risorġiment, il-poeżija ta' poeti bħal Paolo Cesareo (1844-1928), Antonio Dalli (1864-1948), Giuseppe Mizzi (1873-1937), Luigi Arnaldo Randon (1876-1928), Arturo Mercieca (1878-1969), Vincenzo Frendo Azzopardi (1895-1955), Carmelo Mifsud Bonnici (1896-1948) u Filippo Nicolo' Buttigieg (1881-1969), ilkoll politiċi, tkellmet direttament mal-poplu u fittxet li tkaxkru malajr magħha fit-taqbida għall-jeddijiet tal-patrija. Dawn l-ilħna, marbutin minn żmien qabel bi ħjut ta' tradizzjoni lingwistika u letterarja, ħassu lilhom infushom aħwa u l-għan tagħhom kien li jinqdew bl-ispirazzjoni tagħhom sewwa sew kif inqdew biha Berchet, Porta, Aleardi u oħrajn.

It-ton malinkoniku, l-istqarrija awtobijografika, l-immedjatezza ta' l-espressjoni, l-attwalità politika u soċjali li ħadet il-punt tat-tluq tagħha mill-għarfien tal-problemi li l-patrija kellha l-bżonn, it-telqiet mimlija dmugħ, is-sintassi mkissra u mheżhża, il-perijodi maqsuma: dawn huma uħud mill-elementi tal-poeżija risorġimentali li jsibu żvilupp sħiħ u imitazzjoni matura fil-poeti Maltin.

Ma' dan kollu wieħed irid iżid it-tbatijiet ta' xi poeti Maltin li sfaw eżiljati; l-eżilju ġegħelhom iwessgħu x-xefaq tal- pathos romantiku u jilwu l-kelma tagħhom skond ix-xejriet tat-tifwir sentimentali. Ġrat l-istess ħaġa li ġrat lir-rumanz: l-element romantiku twaħħad sew ma' l-element realistiku, u minħabba f'dan ma tkunx ħaġa barra minn lokha jekk wieħed jitkellem, anki fl-egħluq ta' Malta, dwar realiżmu romantiku.

Il-ġeneru poetiku magħżul l-aktar minn ġemgħa ta' poeti kien l-innu, talba ħerqana għall-għaqda u għall-ħelsien; l-Italja kienet għarfet diġà l-innijiet ta' Luiġi Mercantini, ta' Goffredo Mameli, ta' Arnaldo Fusinato u ta' oħrajn. Iżda min-naħa l-oħra ssoktat tinkiteb poeżija ta' ekwilibriju u mingħajr kuntatt ċar mal-ħtiġiet soċjali.

Luiġi Billion (1860-1939) huwa arkadiku fil-*Plenilunio;* il-versi huma qosra, ir-rima hija mtellta (jew alternata) u timxi bil-ħeffa, waqt li n-natura hija stillizzata, meqjusa biss minn barra. Fl-*Inno*

*alla Croce* d-diwi huwa manzonjan f'xi espressjonijiet (bħal "disonor del Golgota"; ara l-odi *Il cinque maggio*) u montjan fl-impostazzjoni ġellieda u umana ta' tema divina. Il-*Fior d'Arancio*, miktub f'versi seneri, jirrijevoka l-kanzunetta metastasjana, bil-ħakma tar-rima mbewsa, l-allitterazzjonijiet u t-tennija tal-vokali likwidi. F'kompożizzjonijiet oħra tiegħu l-mitoloġija hija waħda mill-ħtiġiet barranija, addattati għal-lingwaġġ enfatiku minn ballata popolari, bħalma jidher fl-endekasillabi misluta li jiffurmaw strofa mill-*Inno* tiegħu:

*Gloria al grande di Cristo Campione*
*Che di Pietro sul trono s'asside;*
*E, gagliardo, da forte Leone,*
*Vince, abbatte i nemici del Ver.*

Paolo Cesareo "kien poeta melodjuż u ġentili, li mexa fuq il-passi ta' Giacarà, ta' Prati u ta' Parzanese" (20) u Alberto Cesareo "ifakkar ... fi Guerrini, f'Marradi, f'Carducci, f'De Amicis, f'Negri, u l-aktar f'Pascoli" (21). Is-sewwa li hemm f'din l-istqarrija ta' l-aħħar tissedaq malajr b'ħarsa lejn is-sens qawwi ta' telfien, lejn ir-ripetizzjonijiet, lejn il-waqgħat, u lejn il-perijodi grammatikalment maħlula:

*Ahi, ahi, son gia' stanco! la lena*
*Mi manca, non vedi? non vedi*
*La lunga pesante catena*
*Che il moto m'impiglia dei piedi?*

Il-ħinijiet magħżula tal-jum, il-kampanja mwarrba u mbiegħda mill-kotra, il-pajsaġġ li jitbiddel f'qagħda tar-ruħ, il-misteru moħbi fil-ħwejjeġ l-iżjed ċkejknin, id-djalogi: huma lkoll temi u elementi paskoljani li sikwit jitilgħu fil-wiċċ:

*Una voce le giunge dal passato.*
*Piange: com'era bello quel piccino,*
*Quel fiore inaridito appena nato.*

Vincenzo Frendo Azzopardi kiteb poeżija li tidher mimlija diwi ta' xejriet imgħoddija; fl-eklettiżmu tiegħu jinstabu eki petrarkeski (*A Josie, E', ... et Ultra*), leopardjani (*Addio giovinezza*), montjani (*Opus Justitiae pax*) u *paskoljani* (*Nostalgia*).

20. V. Laurenza: prefazzjoni għall-ktieb ta' Alberto Cesareo, **Risveglia,** Palermo,
21. **Ibid.,** paġ. 9.

Dehra idillika toħroġ mis-sentimentalità u mill-imħabba mimlija sospiri u kważi femmineja tal-kanzunetta metastasjana b'versi senari *La scommessa* ta' Luigi Arnaldo Randon li tfakkar f'*Libertà* u f'*Partenza*:

*Or vuoi saper se mente*
*L'audace labbro! E sia!*
*Dammi, signora mia,*
*Un bacio tuo rovente!*
*Se non avrai da me*
*Per ciascun bacio un verso,*
*rovini l'universo!*
*Bella signora, a te...*

Il-passjoni qalila ta' l-*Inno a Satana* ta' Carducci tinħass fl- odi *Al pensier* ta' Filippo Nicolò Buttigieg. L-innu karduċċjan jagħżel lil Satana bħala simbolu tal-progress u ta' kulma hu mfawwar bl-enerġija; Buttigieg jagħti l-istess kwalitajiet lill-fakultà intellettiva talbniedem, u biex joqrob aktar lejn il-kunċett ta' Carducci, jippersonifika l-ħsieb stess.

Giovanni Curmi (1900-1973) huwa foskoljan fil-*Colloquio con la terra* u fl-eleġija *Ai morti* fejn jirriproduċi vers sħiħ minn *I sepolcri*:

*... Quanta pace*
*all'ombra dei cipressi, e dentro l'urne.*

Il-konċezzjoni mekkanistika ta' l-univers leopardjan titla' fil-wiċċ f'silta oħra ta' l-eleġija. Iżda l-waqtiet l-aktar maħsusa u mgħejxa ta' Curmi għandhom bixra paskoljana; il-ħerqa għall-esplorazzjoni u s-sejbien titbiddel f'kuxjenza li ma tistax tiftiehem, indefinibbli, u f'kontemplazzjoni mingħajr protesti. It-ton imrażżan, is-sens tat-tifel dejjiemi, il-fatt li wieħed jintebaħ li jinsab quddiem dinja li ma tistax tidher sewwa sew kif inhi: bis-saħħa ta' dawn ir-rabtiet, il-poeżija ta' Pascoli tiġġedded fir-ruħ tewmija ta' poeta li għejjex dejjem lill-qagħda ġewwiena tiegħu bil-poeżija Taljana:

*Placidamente dorme la bambina*
*nel suo bianco lettuccio;*
..............................
*E dorme e sogna, e sogna, mentre dorme.*

**IL-POEŻIJA BIL-MALTI**

Fil-kuntest tal-produzzjoni letterarja żgħira ħafna, kemm f'versi u kemm fi proża, bil-Malti, il-poeta u storiku Gio. Antonio Vassallo

(1817-1868) għandu importanza ta' min jagħti każha. Il-kapulavur tiegħu, *Il-Ġifen Tork* (1853) huwa miktub bis-sestina rima, magħmula minn sitt versi tal-ħdax, l-ewwel erbgħa b'rima mtellta, u l-aħħar tnejn b'rima mbewsa. L-iskema metriku kien fl-aqwa tiegħu l-aktar fis-seklu meta għex Vassallo li, kemm bħala avukat u kittieb li kien jikteb regularment bit-Taljan u kemm bħala għalliem u mbagħad professur tal-letteratura fl-Università, seta' jkun jaf sewwa liema kienu l-kurrenti poetiċi ta' l-ewwel nofs tas-seklu dsatax. Is-seklu kien inqeda b'dan b'dan l-iskema għan-novelli poetiċi u għall-poemetti. Għamlu l-istess ħaġa uħud mill-poeti burleski u satiriċi bħal Ġiambattista Casti (1721-1804) fl-*Annimali Parlanti* u Giuseppe Giusti (1809-1850) fl-iskerzi tiegħu. Vassallo jidher li huwa wieħed mill-ewlenin li daħħlu dan l-iskema fil-poeżija Maltija; fis-snin ta' wara nkiteb ukoll minn Salvatore Frendo De Mannarino (1845-1918) fil-poema erojku *Hajjet Tobija* (1911). Il-poema epiku ta' Vassallo, "scritto in versi disegnati secondo i versi italiani" (22), juri li fl-elementi fundamentali ta' tematika u ta' żvolġiment, hemm influssi tal-poema romanzeska u kavallereska Taljana. Il-kuntrast bejn l-Insara u s-Saraċini, waqt li jitgħawweġ skond il-ħtieġa tar-rappreżentazzjoni ta' argument kollu kemm hu storiku u mbiegħed mill-preżent, jieħu s-sura ta' kuntrast bejn l-Insara (l-ilsiera Maltin) u t-Torok (dawk li ma jemmnux).

Il-linja kumplessiva tal-poema twettaq din il-kollokazzjoni. L-azzjoni għandha l-għaqda u l-kontinwità tax-xogħlijiet tradizzjonali. Il-ġrajjiet iseħħu b'pass imgħaġġel sakemm jasal it-tmiem nazzjonali li hu kristjanizzat. Il-karattri, aktar mogħtijin ruħ korali milli individwali, jinsabu f'ekwilibriju u l-istil huwa dejjem klassikeġġjanti. Il-kumplikazzjonijiet stilistiċi l-oħra ta' invokazzjoni, propożizzjoni u dedika ma jinstabux ħlief b'mod ħafif ħafna u kważi indirett. Ħaffef kollox, u hu nnifsu ssuġġerixxa li kull apprezzament tax-xogħol tiegħu jrid iqis li fin-nofs hemm "un tema del genere eroico trattato nelle forme del verso lungo italiana" (23).

Il-poeżiji l-oħra ta' Vassallo juruna żewġ kwalitajiet: id-dħul ta' metri Taljani fil-poeżija Maltija, u s-sehem ħafif tal-poeta fl-ispiritwalità romantika.

Vassallo ħaddem għażla wiesgħa ta' versi Taljana: l-ottonarju, id-dekasillabu, l-endekasillabu maħlul, is-senarju, il-kwinarju mtenni, u oħrajn. Aktar fejjieda hija l-introduzzjoni ta' forom metriċi litriċi Taljani. Per eżempju, *Iż-żgħurija* hija sestina, jiġifieri poeżija magħmula minn sitt strofi ta' sitt versi l-waħda, għad li ma żżommx ukoll

22. **Il Malti,** Accademia Filologica Maltese, 17 febbraio, 1844.
23. "A chi legge" fi **Il Gifen Torc — canto epico maltese di N.N.,** Malta, 1855.

it-tennija tal-kliem aħħari skond it-tradizzjoni ta' poeti antiki bħal Petrarca.

Fit-tematika Vassallo hu kollu kemm hu romantiku, mimli bi mħabba mfawra bil-passjoni għall-patrija bħala l-qofol ta' l-affezzjonijiet (24). It-tema ta' l-emigrazzjoni ta' bosta Maltin f'dawn l-egħxieren ta' snin, problema mnissla miċ-ċirkustanzi soċjali tal-gżira, tikseb it-tifsira romantika ta' l-eżilju. Il-missjoni ta' xi Berchet jew xi Porta, li jitkellmu bl-akbar tqanqil u ħerqan mal-poplu u li jitnebbhu mill-problemi tiegħu l-aktar immedjati, hija wkoll il-missjoni li għażel Vassallo, ħsiebu kollu kemm hu fl-ambjent tiegħu.

Fil-ħrejjef, influwenzati, kif stqarr huwa nnifsu, minn Luigi Fiacchi (Clasio) u minn Lorenzo Pignotti, Vassallo tmexxa l-ħin kollu minn ħtieġa didattika u moralistika. Fost il-versi tiegħu, tinsab ukoll traduzzjoni ta' żewġ siltiet minn *Lucia di Lamermoor* u ta' xi versi ta' Cosimo Calvelli (25).

Poeta ta' l-istess żmien, Richard Taylor (1818-1868) jissokta l-istess linja kumplessiva: jilqa' u jixrob temi u forom tat- tradizzjoni letterarja Taljana. Haddem huwa wkoll għażla ġmielha ta' versi Taljani u qaleb għall-Malti xogħol satiriku ta' Dionilgo Valdecio, awtur li kważi ntesa għal kollox. Aktar impenjattiv hu l-qlib li għamel tal-kant XXXIII ta' l-*Inferno* (1864). L-ammirazzjoni ta' Taylor għall-poeta divin tinħass mhux ftit fid-daħla għall-ktejjeb: "... Dante Alighieri, l'autore che è la meraviglia di tutte le nazioni; ... chi lo legge prova una meraviglia..." (26). Taylor kellu l-ħsieb jaqleb l-opra kollha, iżda miet ftit snin wara.

Taylor u poeti minuri oħra, bħal Ludovico Mifsud Tommasi (1795-1879), jorbtu l-imgħoddi mas-snin li ġew wara minnufih bil-produzzjoni wiesgħa tagħhom ta' innijiet reliġjużi, miktubin kważi dejjem b'versi ottonari. Uħud jidħlu, minn aspetti varji, fit-tradizzjoni ta' l-innijiet ta' Tasso, Chiabrera, Menzini, Cotta, Lemene u oħrajn.

## EGHLUQ

Dawn il-kunsiderazzjonijiet iwassluna fl-ambjent letterarju Malti

---

24. Ara **Il Gifen Torc,** Malta, 1853, **Mogħdija taż-żmien f'Ilsien Malti,** Malta, 1843, **Għal Chitarra ossia collezione di nuove poesie maltesi ad uso delle scuole primarie,** Malta, 1853.

25. Dwar aspetti varji tal-personalità ta' G.A. Vassallo ara d-daħla tiegħi għall-edizzjoni ta' **il-Ġifen Tork,** maħruġa mill-Klabb Kotba Maltin, 1975.

26. **Il Conti Ugolino, mid-Divina Commedia Cant XXXIII ta l'Infern ta' Dante Alighieri miġjub fl-ilsien Malti minn Richard Taylor,** Malta, 1846.

bil-Malti ta' l-aħħar snin tas-seklu dsatax u ta' l-ewwel egħxieren ta' snin tas-seklu għoxrin meta ħakem fuq il-bqija Dun Karm. Il-kollegi tiegħu laqgħu dan id-depożitu għani u wiesa' ta' ġid metriku u ta' influwenzi poetiċi differenti u wrew il-ħiliet tagħhom f'dawk li huma assimilazzjoni u tiġdid.

# Tebut

Kaxxa kwadra, tawwalija,
miżbugħa ħamra jew sewda jew kaħla,
mogħtija żejt jew lostru,
ta' l-abjad, tal-ġewż jew tal-kewba....

X'jimporta?
L-aqwa li int ħanina
għax tostor fik il-JIEN
— il-jien kif jien —
mgħobbi u mxekkel b'ġisem
li jgħix irid bla rażan,
maħqur minn xorti kiefra.

Int l-aħħar tama tiegħi,
fik għad nistrieħ għal dejjem.
— u ħbieb ta' ġewwa —
għax waqt li n-nies tistmellni,
int trossni fik;
hekk bħal ma omm
tħaddan tarbija f'ġufha.

**ALFRED MASSA.**

# "In-Nissieġa" ta' Dun Karm

# U

# "La Tessitrice" ta' Giovanni Pascoli

— Patri Dwardu Fenech, O.S.A. —

"In-Nissieġa" ta' Dun Karm dehret fil-pubbliku għall-ewwel darba fil-ġurnal **Il-Ħabib** tat-22 ta' Lulju 1913. Hekk tiġi li dehret fis-sena ta' wara l-mewt ta' Giovanni Pascoli li hu wkoll kiteb fuq in-nissieġa. Dak iż-żmien, in-newl kien ħaġa komuni. Fil-bidu ta' das-seklu, anki nannuwi, Francois Calleja, kellu n-newl tiegħu fil-Qrendi. In-newl kien ukoll biċċa mill-esperjenza ta' ħajjet Pascoli. Għalhekk, wieħed jista' jifhem il-għala ż-żewġ poeti Dun Karm u Pascoli kitbu fuq l-istess suġġet.

Madankollu, seta' ġara li Dun Karm kien imqanqal biex jikteb il-poeżija tiegħu wara li qara dik tal-Pascoli? Mhix ħaġa faċli tgħid iva jew le mingħajr ma jkollna xi dokument storiku f'idejna. Żgur li Dun Karm kien midħla tal-Poeti Taljani, inkluż il-Pascoli. Hu wasal biex saħansitra ħalla ħafna sinjali bejn il-paġni ta' kotba ta' poeżiji li kien jaqra qabel ma rtira mill-Bibljoteka Rjali. Żgur ukoll li kien igħallimhom fis-Seminarju ta' l-Isqof fil-Furjana. Jien rajt ukoll noti fuq poeti Taljani li kien ta Dun Karm fil-klassi. Għall-poeżija "In-Nissieġa", ikollna ngħidu, li jekk kien hemm xi influwenza, din kienet remota ħafna. Veru li hemm tixbih fl-isem, imma aktarx li hawn jieqaf it-tixbih kollu. Sostanzjalment, il-poeżiji huma diversi.

Biex wieħed ikun jista' jqabbel iż-żewġ poeżiji flimkien, se nġibu qlib tal-poeżija "La Tessitrice" tal-Pascoli. Biex ma ntellfux is-sens, se nħallu r-rima barra.

**In-Nissieġa**

**ta' Giovanni Pascoli**

Jien qgħadt bil-qiegħda fuq il-banketta
l-istess bħal darba... Kemm-il sena ilu?
W hija, bħal darba, marsusa qagħdet
fuq il-banketta.

W anqas ħoss ċkejken ta' kelma waħda;
Hemm biss tbissima ta' tjieba kbira.
U dik l-id bajda titfa' l-mekkuk.

Nibki w ngħidilha: "Kif stajt qatt jiena,
o qalb ta' qalbi, minnek ninfired?"
Tibki, u tgħidli b'sinjal la muta:
"Kif stajt qatt inti?"

U bi tnehida għalhekk hi taqbad
il-moxt la muta, u tiġbdu lejha.
U l-mekkuk mutu jgħaddi u jerġa'.

Nibki, w nitlobha: "Għidli ftit l-għala
m'għadux iħabbat il-moxt ħarkieni?
Tħares fiss lejja beżgħana w twajba:
"Għax ma jħabbatx?"

U tibki, tibki: "O qalb ta' qalbi,
xejn ma qalulek? Inti ma tafx?
Jien m'iniex ħajja ħlief ġewwa qalbek.

Mejta! Iva, mejta! Jekk ninseġ, ninseġ
għalik biss jiena. Il-kif, ma nafx!
Hawn f'din ix-xoqqa, taħt iċ-ċipressa,
ħdejk jien sa fl-aħħar għal dejjem norqod."

Jingħad li l-Pascoli, meta kien għadu daqsxejn ta' ġuvni, kien iltaqa' ma' tfajla li kienet tinseġ f'San Mawru. Hu nnamra magħha għal xi żmien. Wara li kienu għaddew ħafna snin, il-Poeta stħajjel li reġa' mar fl-istess post ħalli jfittixha. Imma hi kienet ġa ilha mejta s-snin. Kien għalhekk x'ħin fl-istħajjil tiegħu qagħad bil-qiegħda fuq il-banketta mank ħoss ċkejken ta' kelma waħda ma sema'. Kien għalhekk li n-nissieġa kelmitu b'sinjal mutu. Kien għalhekk ukoll li kemm il-moxt, u kemm il-mekkuk kienu muti. Kollox kien qisu bħal fiċ-ċinematografu: l-azzjoni tidher, imma ħoss ta' xejn. It-tnehida li tissemma fil-vers ħdax ma hix tan-nissieġa, imma tal-Poeta nnifsu li kien qed jara x'qed jiġri quddiemu, naturalment, dejjem fl-immaġinazzjoni tiegħu.

"In-Nissieġa" ta' Dun Karm ma tidhirx li kienet imnebbha minn xi persuna determinata bħal fil-każ ta' Giovanni Pascoli. Li kieku

kien hekk, x'aktarx li konna nsibu nota fuq hekk fix-xogħol **Dun Karm — Ħajtu u Ħidmietu** ta' Ġuże' Cardona. Li ġara hu, disgħa u disgħin fil-mija, li wara li Dun Karm qara l-poeżiji tal-Pascoli, tħajjar li hu wkoll jikteb fuq l-istess suġġett. Hekk jidher li għamel ukoll wara li qara l-poeżiji "Il Viatico" u "Non Omnis Moriar" ta' l-istess poeta Taljan. Imma ġara li Dun Karm ma setax jittratta bl-istess mod kif għamel il-Pascoli lin-nissieġa żagħżugħa.

"In-Nissieġa" ta' Dun Karm fiha żewġ taqsimiet ewlenin: l-ewwel taqsima, li fiha l-ewwel ħames strofi, hi l-parti deskrittiva; it-tieni taqsima, li fiha seba' strofi, hi l-parti riflessiva. Taqsimiet bħal dawn huma tipiċi għal Dun Karm.

Id-dinja kienet għadha kobba d'am. Imma n-nissieġa żagħżugħa kienet ġa ħalliet friexha u xegħlet il-musbieħ li mit-tieqa mbexxqa xeħet sing abjad ta' dawl fuq il-ħajt faċċata tagħha. Hekk,

Fuq in-newl titla' qalbenija: tqiegħed
Mingħajr ma tħares, iż-żerkuna u fuqha
Kemm xejn tintelaq; is-salib imqaddes
Trodd u tithejja.

Hawnhekk "tibda t-twerżiqa minn tar-rfies". Fil-waqt li f'Pascoli hemm is-sikta, f'Dun Karm insibu l-ħsejjes. F'ta' l-ewwel hemm l-istħajjil; f'tat-tieni hemm ir-realtà. Minn barra t-twerżiqa tal-irfies, f'Dun Karm insibu wkoll il-ħoss tlikk tlikk li jagħmel il-moxt meta n-nissieġa tiġbdu darbtejn. Dan hu dak li teknikament ngħidu li n-nissieġa 'tħabbat'.

Fil-parti riflessiva, Dun Karm jagħmel emfasi fuq l-għaqal, is-safa, il-bżulija u s-saħħa tax-xebba nissieġa. Jagħmel ukoll kuntrast max-xebba ta' l-ibliet li toqgħod sa nofs il-lejl tiżfen mad-daqq. Jidher li fis-subkonxju ta' Dun Karm kien hemm averżjoni għax-xebbiet ta' l-ibliet. Ara l-kuntrasti li jagħtina:

Il-qawwa ta' dirgħajk aħjar mill-bjuda;
Is-saħħa ta' riġlejk aħjar minn ġmie'hom;
Qalb safja l-hena minn tal-ħajja: ħrafa
Ġid u foħrija.

Sa ma Dun Karm wasal fil-għaxar strofa, hu jgħid lix-xebba li beda jbexbex u beda t-tgeġwiġ u l-għana ta' l-għasafar. Għalhekk iridha titfi l-musbieħ u tagħmel il-ħila, għaliex issa li x-xemx tiela', id-dinja kol'ha tqum taħdem magħha. Il-għażżien biss jagħmel eċ-

ċezzjoni: hu jmur jorqod mifluġ, u minfluġ jerġa' jqum!

Dun Karm, fl-aħħar żewġt ivrus, idaħħal l-element reliġjuż u jgħid lin-nissieġa:

Omm Alla, ftakar, f'din id-dinja kienet.
Haddiema bħalek.

# Rifless

Waħdi fis-skiet, taħt star iswed ikewweb,
għal għonq it-triq, sabiex intaffi s-sħana,
smajt ħsiebi jistaqsini: x'inhi l-ħajja,
għaliex qed ngħix, x'inhi d-dinja tagħna.

Waqqaft mixjieti, tqila u għażżiena.
flejt lil kull ġar, għarbilt li qrajt fi ktieb.
u wara pawsa twila u ħosbiena,
ħassejt li stajt inwieġeb l-ewwel ħsieb.

Id-dinja m'hix għajr palk miżgħud b'atturi
wiċċhom midluk b'irtokk ta' kull kulur,
kulħadd jaħdem għalih il-parti tiegħu,
sa jgħib minn ħarst l-għajnejn, għax kellu jmur

Hemm ftit qed jaħdmu l-parti tas-sinjuri,
il-kotra b'wiċċ imqit, b'geddum il-buri.
jidhru uħud b'seringa kollha dmija
u żgħażugħ vittma fl-art, f'anestesija.

Miżerji, gwerer, ġuħ, ulied iltiema,
suppervja, egoiżmu ssib kemm trid,
rebgħa, żina u semm, sultan kull viżżju,
tixwix, tnassis, żekżik...imħabba ftit.

25.7.74. **CHARLES MIFSUD.**

# Il-Vokabularju Ingliż fil-Malti Żjieda ta' Kliem Li Turi Karattru Ewropew

— Roman Azzopardi —

Għal ħafna nies, il-preżenza ta' kliem missellef mit-Taljan fil-lingwa Maltija tirrappreżenta element ta' kultura Ewropeja. L-istudju tal-Malti, f'parti minnu, dejjem kien jikkonsisti filli wieħed jikkonsidra l-ilsien Malti f'relazzjoni mal-lingwa Taljana. Li tipprova tevita kliem u frażijiet Maltin ta' xeħta Taljana huwa biżżejjed biex tiġi meqjus bħala 'barrani' għal dik li hi kultura Ewropeja — bħallikieku ma tridx tagħraf jew ma tafx li d-demm u d-drawwiet tal-Maltin jaqblu jekk mhux f'kollox ma' dawk ta' l-Ewropej. Dan, iżda, ġiegħel lil ħafna jaħsbu li l-vokabularju Ewropej fil-Maltin hu dak biss li ġej mit-Taljan jew minn xi lingwa Romanza oħra bħal, ngħidu aħna, il-Franċiż.

Ma hemm l-ebda dubju li l-kliem li ġej mit-Taljan jew mill-Isqalli jagħmel parti sewwa mill-vokabularju kollu li għandna f'ilsienna. Tista' tgħid li l-kliem kollu non-Semitiku ġej mit-Taljan. U ma tistax taħrab milli tużah. Fil-bidu li l-Malti beda jkun studjat xjentifikament, il-ħsieb ta' xi studjużi li jdawwru xi kelma Taljana biex issir tixbah xi kelma Semitika kien tassew tad-daħk. Dan jurih tajjeb il-Professur Ġużè Aquilina fl-ewwel 'paper' li għandu fil-ktieb "Papers in Maltese Linguistics" li ġġib l-isem 'A Survey of the Constituent Elements of Maltese'.

Fil-waqt li hija xi ftit iebsa u forsi kontroversjali li wieħed jipprova jsib xi kliem Malti li ġej dirett mill-Latin jew mill-Ispanjol (biex nagħti eżempju) xejn mhu iebes li tifhem kif kliem missellef mit-Taljan għandu l-ħila jlibbes u jżejjen il-ġisem Semitiku tal-Malti. Dan, fil-biċċa l-kbira, ġara għax Malta, minn żmien in-Normanni dejjem kellha rabtiet ta' drawwiet u superstizzjonijiet ma' dawk ta' Sqallija u l-Italja. Illum m'għandniex għax nallarmaw ruħna li ħafna mill-kliem Malti hu ta' xeħta Taljan.

Fl-imgħoddi wieħed seta' jgħid li r-raġuni li l-Malti, bħala lingwa miktuba, baqa' lura fis-sekli ta' qabel kien imħabba li l-klassi edukata kienet lesta tinqeda bit-Taljan biss. Fi żmienna ftit wieħed jaħseb li l-użu ta' kliem missellef mit-Taljan jista' jipperikola l-Malti bħala lingwa mitkellma jew bħala lsien letterarju. Il-Malti hu lsien Semi-

tiku kemm trid (bosta nies edukati jqisuh bħala djallett Għarbi u xejn aktar, jekk ma jgħidux ukoll li hu djalett korrott). Imma l-Malti fih doża qawwija ta' kliem Ewropej. M'hemmx x'wieħed jibki fuq dil-ħaġa. In-nota pożittiva kien semmagħha Ninu Cremona (fost oħrajn) li f'taħdita li nqrat fil-Laqgħa tal-Għaqda tal-Malti (Università), fl-1940, kien qal: 'jekk hu tassew illi t-taħlit ta' nisel fir-razez ta' siġar u annimali jagħti frott iżjed b'saħħtu, hekk nittamaw li jiġri f'ilsienna bit-taħlit ta' demm ġdid. Irridu niftakru wkoll li il-Malti jinkiteb bl-ittri ta' l-alfabett Latin u qiegħed ikun ikklassifikat, fid-dizzjunarji, fuq sistema alfabetika minflok fuq waħda radikali jew mibnija fuq l-għerq tal-kliem semitiku.

Issa jekk fil-vokabolarju Malti ta' llum insibu ħafna kliem ta' xeħta Ingliża hemm għalfejn taħseb li l-Malti qiegħed fil-periklu li jiddgħajjef? Illum il-vokabolarju tagħna jirrifletti żewġ affarijiet:

(a) Għal ħafna sekli, l-unika lingwa barranija mitkellma sew f'Malta kienet il-lingwa Taljana. Mill-1090 sa ħafna snin wara li ġew l-Ingliżi f'Malta, il-klassi intellettwali u n-nies ta' skola fil-gżejjer tagħna dejjem aspiraw li jitkellmu bit-Taljan.

(b) Milli-bidu tas-seklu dsatax s'issa, tnejn kienu l-lingwi barranin miżmuma b'għożża ġo Malta: l-Ingliżi u t-Taljan. Għal xi żmien it-Taljan kien magħruf u maħbub iżjed mill-Ingliż filwaqt li fiż-żminijiet aktar qrib tagħna l-Ingliż għandu mnejn igawdi aktar popolarità mit-Taljan fost in-nies ta' skola.

Il-kliem barrani li bih qegħdin ninqdew ġej mela mhux biss mit-Taljan jew minn xi lingwa Romanza iżda wkoll mill-Ingliż, li wara kollox, bħat-Taljan, hu lsien non-Semitiku u, fejn jidħol il-Malti, għandu jitqies bħala qasam ieħor fl-ewropizzazzjoni tal-vokabolarju Malti. L-iżball ta' xi wħud hu li jaraw l-Ingliż bħala lsien tal-Gżejjer Brittaniċi u tal-Commonwealth jonkella bħala lsien internazzjonali mingħajr ma jagħarfu wkoll li l-Ingliżi hu lsien imħaddem ħafna llum fil-pajjiżi ewlenin ta' l-Ewropa tal-Punent. Il-ħsieb dejjem kien, hux hekk, li ma nħallux kliem bl-Ingliż jidħol fil-Malti mħabba l-għażż u l-għaġla ta' xi wħud li ma jindenjawx ruħhom jużaw kelma li teżisti diġà fil-Malti. Dan li għedt issa, infatti, kien il-ħsieb ta' Dun Karm Psaila meta ħa f'idejh il-ħarġa tad-Dizzjunarju Ingliż-Malti (maħruġ bl-awtorizzazzjoni tal-Gvern Malti). Fid-Daħla ta' dan id-Dizzjunarju, meta jasal biex jitkellem fuq l-Ordni tal-Kliem u fuq it-Tagħrif u t-Tifsir tal-Kliem, kif ukoll fuq l-Għażla ta' Kliem Ġdid, Dun Karm igħid li qagħad attent li ma jbarrix kliem meħtieġ imma missellef — bħal kliem tax-xjenza, ta' l-arti, ta' invenzjoni, ta' għodda eċċ — iżda żamm lura milli jdaħħal kliem li xi nies għaġġiela daħħlu flok jew maġenb kliem Malti. Għalhekk (jgħid Dun Karm) ma daħħalx:

jillandja (flok 'niżel l-art')
immissja (flok 'ma laħaqx')
illinkja (flok 'sensel, għaqqad').

Irridu ngħidu li Dun Karm kellu raġun u kien bilanċjat ħafna meta ġie biex jittratta fuq il-ħtieġa ta' kliem modern bl-Ingliż fil-Malti. Imma jien nara li mhux dejjem possibli li taħrab milli tuża l-kelma Ingliża kif inhi, fil-Malti. Ħafna drabi ninħlew f'taħbit u taħbil il-moħħ biex xi kliem bħal 'cake' jew 'doughnut' jew 'club' jew 'weekend' jew 'goal' eċċ. ngħawġuha f'sura li suppost hi Maltija. F'ħalq il-Malti issib kliem bħal 'carbon paper', 'baby walker', 'bluff', 'hot dog', 'autograph' li ftit jistgħu jinqalbu għall-forma Maltija kif jifhmuha xi wħud. Ngħidu aħna Dun Karm, fid-Dizzjunarju li semmejna, jagħti t-tifsira ta' "invigilator" bħala "għassies". Sakemm inti qiegħed biss tfittex li ssib it-tifsira tal-kelma, kollox sew — "għassies" għandha mnejn tgħaddi. Imma jekk tiġi biex tuża l-kelma "invigilator" fil-kontest ta' eżamijiet skolastiċi u pubbliċi, se taqa' biex tuża "għassies"?

Ta' min għalhekk jara xi ftit kliem Ingliż li, naturalment, ġew għandna mħabba r-rabtiet bejn Malta u l-Ingilterra tul 'il fuq minn mija u sittin sena iżda li, fil-fatt, illum dawn il-kelmiet bl-Ingliż huma midħla sew tal-lingwi ewropej. 'L-Ingliżati' jew aħjar l-angliċiżmi mhumiex xi ħaġa li daħlet f'Malta biss jonkella f'xi pajjiżi tal-Commonwealth biss. L-użu ta' kliem mill-Ingliż issibu fi Franza, fl-Italja, fil-Ġermanja, fl-Olanda u f'pajjiżi oħra ewropej. Dan l-aħħar il-Franċiżi qanqlu storbju sħiħ bil-ħsieb li 'jnaddfu' l-lingwa Franċiża mill-kliem Ingliż. Il-President Franċiż għadda liġi li tobbliga lil dak li jkun, fl-industrija, fil-kummerċ, fir-reklamar, fl-insurances eċċ, juża l-Franċiż. Sakemm huwa xieraq m'hemmx xejn ħażin li pajjiż jgħożż l-ilsien li bih jingħaraf minn ħaddieħor. Iżda wieħed malajr jinduna li fl-għażla tal-kliem mitkellem u miktub ma tridx tkun rasek iebsa. L-ebda lsien ma jista' jitqies bħala maqtugħ assolutament għalih.

Bosta mill-kliem Ingliż li se nsemmi (biex ma ngħidx, kollha) jingħarfu b'ħeffa minn kull Ewropej ta' ċerta edukazzjoni u kultura. Kliem, infatti, li daħlu fil-konversazzjoni ta' ħafna lingwi Ewropej. Hawnhekk mela għandna ħażna ta' kliem li (1) fil-forma miktuba u (2) fit-tifsir ġenerali tagħhom huma ta' siwi għall-membri edukati fil-komunuità Ewropeja. Il-forma miktuba ta' dawn il-kelmiet mill-Ingliż tagħmilha possibli lil dak li jkun li "jaqta'" x'inhuma u xi jfissru. (Fil-kliem Malti mnissel mit-Taljan, bħal ngħidu aħna "ideal", "poeta", "teatru", "beatu", ikun jaqbel li niktbuhom bil-forma vokalika Taljana għaliex il-kelliema u l-qarrejja Maltin ta' ċerta skola

faċli jintebħu li dawk il-kelmiet partikolari huma mill-istess ħażna ta' vokabolarju Ewropej.) Li tibdel il-forma vokalika tal-kelma oriġinali tista' toħloq konfużjoni. Mhuwiex daqshekk meħtieġ li għax kelma barranija, li daħlet fil-Malti, ma toqgħodx eżatt għall-forma Maltija, akkost ta' kollox iddawwar il-kelma miktuba f'sura li suppost hi Maltija. "Dance" hija kelma f'ħalq ħafna mill-Maltin; allura trid bilfors tinkiteb "dans"? U aħna nistgħu noqogħdu nagħġnu l-kliem missellef biex ta' bilfors isir 'jixbah' il-Malti meta għandna kliem bħal "jeans", 'disc jockey", "zoo" u oħrajn? Mhux biss togħġob lilek inniffsek bħala Malti trid, f'dawn l-affarijiet; iżda trid ukoll ma titlifx dik ir-rabta mal-lingwa Ewropej li jifformaw (fil-każ ta' dawn il-kliem li qegħdin insemmu) komunità ta' vokabolarju li tista' tgħidlu uniformi. Madankollu, xejn ma jimporta li fi kliem li jippermettu (irridu nużaw ftit sens komun) isir xi tibdil fl-ittri alfabetiċi u, ngħidu aħna, is-'c' issir 'k', il-'j' Maltija tidħol bejn żewġ vokali fl-aħħar tal-kelma biss, bħal fil-kliem "zija" u "Marija", u xi tibdil ieħor bħal dawn.

Iżda issa nħallu dan u niġu għall-vokabolarju Ingliż li, illum, jifforma parti mhux biss mill-Malti iżda ukoll parti mit-taħdit u l-kitba tal-lingwi ewlenin fl-Ewropa tal-Punent:

automatic
baby
camping
bikini
blues (mużika)
basketball
caravan
disc jockey
hamburger
hot dog
north
jazz
jeans
manager
pop (mużika u arti)
radar
reporter
snack
sport
stadium
star (film u tal-mużika pop)
shareholder
taxi
television
WC
weekend
whisky
yacht

Dawn, naturalment, huma xi ftit mill-kliem Ingliżi li ninqdew bihom aħna u l-Ewropa tal-Punent. Hemm aktar kliem li wieħed jista' jżid ma' dawn ta' hawn fuq. Il-Malti bħal kull lingwa oħra iħoss il-ħtieġa ta' kliem modern. F'dan il-każ ma rridux inkomplu naħsbu li din hi xi karatteristika tar-relazzjonijiet bejn Malta u l-Ingilterra. Mhux biss. Dan il-vokabolarju Ingliż fil-Malti huwa wkoll xhieda ta' karattru Ewropej.

# Tnabar

Tnabar....
Fejn ma nafx
'il-bogħod
kemm kemm jinstemgħu
b'insistenza li tidwi...
tidwi
sa ma ttarrax.
Tnabar
li jsejħu mill-erbat irjieħ
u d-daqqa ħafifa
ta' saqajn ħafja
fuq qiegħa mikula
bħall-ġild stirat
li jdamdam u jidwi
bla heda...
Tnabar....
u daħna mibruma lejn sema bla ħajja
bla ċaqlieqa
ħuġġieġa għajjiena
taħraq volumi sigrieti
li ntemmu offerta
lill-alla setgħani
li waħdu qallibhom
u fehem.
Għajta ta' jena selvaġġa
jew
l-għanja misluħa
ta' l-iswed sakran
jew
l-għajta midruba
tal-verġni minfuda
f'riġlejn l-alla mostru
paxxut
b'ħarstu ċassa
tiekol l-artal
Superstizzjoni ta' qedem midfun
mitluf
fis-sejħa xotta tat-tnabar illejla
f'dis-siegħa stramba

bla raġġ u bla dell.
Ħarba....
ritmu ta' polz miġnun
mitluf fit-toroq milwija
ta' univers eniġma
iħabbat iż-żifna primitiva
mat-tnabar qammiesa
fil-ġungla mudlama
bl-għanqbut imħabbel
t'elf mistoqsija...
Ġirja bla nifs
fuq ir-riġlejn qosra tat-tfulija
fl-oqsma kennija
milqugħa miċ-ċnut għoljin
fejn jirfsu l-kwiekeb
fejn
fis-seher ikħal
jinfirex iċ-ċirku
tal-fantasija mlewna
ta' lil hinn minnu.
Tnabar....
u n-nanu miżbugħ
jitkabras bħal rota
minn tarf sa tarf
iċ-ċint imsaħħar
sa jaqbeż warajh
biex jinża' l-maskra tad-daħka llamtata
u jqaxxar id-demgħa grotteska
minn taħt għajnejh ħosbiena.
Tnabar....
maċ-ċapċip t'idejn żgħar
bħad-daħka ta' l-ilma
— lil hinn
miċ-ċint li jħokk mas-sħab
li jraxxax kiebi
l-ewwel bxara xitwija.
Mat-tnabar
jitbiegħed....
'il-bogħod
il-fejn ma nafx
kemm kemm jidher
in-nanu magħkus

jixxengel
iserrep imbellah bejn l-erbat irjieħ
b'idu merfugħa
ifittex
jissemma'
għas-sejħa tat-tnabar
li tiġri warajh
iddamdam u tidwi
mal-polz merfugħ
f'widnejh
maħrub
iħabbat...

**JANE CORTIS**

## F'JUM L-IMWIET

F'jum l-imwiet it-tokki mriegħda
U r-riħ jingħi fiċ-ċipress jitbandal
Jiksru l-ħemda. Il-bniedem ma fehemx
Li mhix it-tmiem tal-ħajja l-mewt 'ma l-bidu....
Għax kieku n-nisa bl-iswed imkeffnin
Ma jxerrdux dmugħ il-ħniena
U jinfnew bil-ħasra.
Irrid nara f'jum il-mewt
Għid kbir ta' ferħ.
F'xemx ħamra mdewba,
In-nisa mżejnin bl-abjad
Igħannu u jitbandlu
Mad-daqq mgħaġġel tal-kitarri,
U jdommu waħda waħda l-ġiżimin
Irrid bħal dak in-nhar snin ilu nara
Il-mewt mirbuħa u l-bidu tal-ħajja
Fil-qawmien.

**J. J. CAMILLERI**

# "Taħt Tliet Saltniet"

# IL-QAWWA TAR-RUMANZ FIL-KUNTRAST BEJN IL-KARATTRI

— MIRIAM ZARB —

"TAĦT TLIET SALTNIET" rumanz imżewwaq b'folklore, element reliġjuż, storiku u soċjali mhux nieqes mill-kuntrasti bejn il-karattri li jixhdu l-varjetà u l-imġieba bejn il-klassijiet ta' dawk iż-żmenijiet. Hekk insibu karattri nobbli, kavallieri, foqra, bdiewa, ilsiera kif ukoll karattri kosmopolitani — Lhud u Griegi.

In-nobbiltà għal Alessandru Ħabela, l-iben waħdieni ta' waħda mill-iżjed familji nobbli Maltin, ma tfissirx il-lussu, it-titoli u ideat qodma iżda n-nobbiltà tinsab f'dawk inqas minnu, il-foqra u n-nies tar-raba li bl-għaraq ta' ġbinhom u l-bżulija jaħdmu l-art għall-għajxien ta' kuljum. Lil Pawlina kien igħidilha "Niesek, ħanina, aktar nobbli minn niesi għax nisilhom hu eqdem. Li ma kinux niesek l-ewwel kieku ma kienx ikunu niesi. L-akbar nies tad-dinja kienu u jibqgħu l-ħaddiema ta' l-art." Din l-attitudni ta' mħabba u qima għall-ħaddiem narawha meta jgħin moralment u materjalment lil min kien maħqur u fqir — iħenn għal bidwi fqir li mar għandu biex iħa las il-qbiela; għal Pina ta' Vangu li nofsha mejta laqagħha f'daru u dar biha sa ma mietet; għal ulied din l-armla fqira; għal Lhudi Ebenezer li l-folla kienet sa tħaġġru; għall-għama magħkus u fqir, maħrub minn kulħadd; u għal ħafna nisa u rġiel żgħażagħ u miżżewġa li lilhom qassam ġidu għax Alessandru kien tal-fehma li lill-fqir mhux biżżejjed tfarrġu bil-kelma t-tajba biss imma min hu bil-ġuħ u bil-għatx agħtih x'jiekol u x'jixrob.

Barra l-imħabba għall-fqir Alessandru kellu l-imħabba għal Pawlina, bint ir-raba u bint il-faqar. Hu għex għaliha u saħansitra tkeċċa mill-palazz t'ommu minħabba fiha u telaq il-klassi privileġġata li twieled fiha biex seta' jinżel għal-livell tagħha ta' bidwi li kellu jaħdem biex jaqla' ħobżu. Naraw l-imħabba għal Art Twelidu meta jieħu sehem attiv fil-konfoffa kontra l-Ordni u wara l-istess Franċiżi li kien ħadem għalihom biex ġew hawn Malta u l-imħabba għal Mikiel Anton Vassalli li għalih kien bħal torċa kbira li kienet tixħet dawl qawwi fuq id-dlam ta' żmenijietu. Iżda l-akbar u l-aqwa mħabba kienet għal Kristu. Alessandru ried igħix fi Kristu billi jagħmel il-ġid

lil kulħadd. Hu kien midħla tal-Kotba Mqaddsa minn fejn silet il-liġijiet tal-ħajja. Hu ried igħix fqir bħalma fqir għex Kristu. L-element tal-faqar narawh f'kamartu, kamra sempliċi li kienet tistona ħdejn il-palazz lussuż sinjur u kol'u tlellix tal-Barunissa.

Alessandru saħansitra ħaraq u qered għal dejjem l-inkwadri ta' nannietu għax dawk, kif qaltlu ommu, fuq is-sodda tal-mewt "ma kinux ħlief daħk fil-wiċċ, nuċċali aħdar". Iċ-ċurkett tifkira tan-nobiltà tiegħu biegħu u bil-flus li daħħal minnu taffa ftit l-imrar u l-ġuħ tal-fqar. Kull ġid ried jarmih. Meta l-Kaptan Bell ried jagħtih medalja tad-deheb għal qlubitu, hu minflok xtaq il-ħelsien ta' Mikiel Anton Vassalli imma din it-ta'ba ma nqalgħetlux minħabba l-liġi iebsa ta' dawk iż-żmenijiet. Alessandru jiġbor fih l-aqwa xempju ta' rġulija, imħabba, hena, ta' faraġ għall-fqir, ta' tama u ta' fiduċja għal min kien ibati u jinħaqar. Jixraqlu t-titolu li jsejjaħlu Vassalli "Iż-Żagħżugħ ta' Fidi kbira".

Ġanni Hili u Alessandru jixxiebhu ħafna bħala karattri. Ġanni, bniedem tar-raba kien iħenn għall-batut, igħin il-fqir, lil Pina. l-armla ta' Vangu, u wliedha, ta' qalbu f'idu u mimli bi spirtu rivoluzzjonarju, ħeġġa u mħabba għal art twelidu. L-istess bħal Alessandru, Ganni kien xempju ta' rġulija, ta' fehmtu u kien jaħdem biex jeħles il-Maltin mill-madmad tal-Kavallieri u wara mil-moħqrija u l-jasar tal-Franċiżi. Il-qalb safja ta' Ġanni tidher fil-kliem li qal lil Barunissa Isabella meta gergret miegħu għax id-dejr tagħha sar sptar għar-romol. "Sinjura ta' nisranija li int m'għandux għax jisgħobbik li f'darek ilqajt mara li batiet f ħajjitha. Smajtu jgħid li għal min imaqdar nies il-faqar Kristu jgħid "kont bil-ġuħ u ma tmajtnix. kont bil-għatx u ma sqejtnix".

Kuntrast mhux daqs tant qawwi ma' dawn iż-żewġ karattri huwa Des Flores, Sqalli, ħabib ta' Alessandru. Dan kien ta' fehma waħda ma' Alessandru, iżda ta' karattru kompletament differenti. Des Flores kien dejjem moħħu f'żaqqu u mhux f'għajru u beżżiegħi li nħeba fi żmien il-burraxki tal-ġlied. L-imħabba għamlet sehemha wkoll fil-ħajja ta' Des Flores li jħobb u jiżżewweġ armla Ingliża Mrs. Flemington. F'din iċ-ċirkostanza hemm aktarx element umoristiku milli simpatija u rispett bħal ma nsibu fil-każ ta' l-imħabba bejn Alessandru u Pawlina jew Ġanni u Ester.

Li rajna s'issa kienu biss nies idealisti u prattiċi li ħsiebhom f'li jagħmlu l-ġid. Bħala kuntrast qawwi ma' dawn, Aquilina jdaħħal biex iżewwaq il-bejgħa l-karattri viljakki. Il-kavallier ta' Aragona, Royas u l-Lhud Ebenez. Royas li jirrappreżenta l-Ordni, għaqda reliġjuża, b'għamilu kien waqqa' l-ġieħ tas-Salib Abjad li kien iġib fuq il-mantar

iswed. Dan, l-oppost ta' Alessandru kien karattru ħażin, arroganti, nebbiexi, mimli mibegħda u għira. Dan il-kavallier bla dekor u mimli bil-kburija qatt ma stenna li tfajla raħlija u mistħija kienet sejra tiqaflu u twaqqagħlu wiċċu l-art. Royas kien jilgħab bl-imħabba bħal ballun u meta ma jirnexxilux jaħlef vendetta bi'li jxerred xnigħat koroh u ħżiena kontra Pawlina. Iżda bħal ma t-tajjeb jiġi ppremjat, il-ħażin ikun ikkastigat. Dan il-kavallier barra l-inkwiet u d-dwejjaq li ħoloq lil Alessandru u lil Pawlina kien ukoll qarraq bi tfajla Spanjola, Ermelinda. Fl-aħħar tħallas ta' kollox kif kien jistħoqqlu. Ermelinda li kien daħak b'imħabbitha temmitlu ħajtu u b'hekk tħallas b'demmu għall-qerq u l-ħażen li kien għex fihom.

Il-viljakk l-ieħor, Ebenezer kien giddieb, imbroljun u rgħib għal flus. Narawh wara t-taqbida jisraq lill-katavri u jisloħ il-flus minn għand il-bdiewa fqar. Il-kliem użat għad-diskussjoni ta' dan il-karattru huwa x'aktarx qawwi u iebes "bhima tax-xagħri u ħanġra ta' wieħed imxajtan".

Il-karattri femminili għandhom sehem attiv u importanti. Il-Barunissa Isabella b'dak li huwa tkabbir bl-antenati tal-familja hija għal kollox il-maqlub ta' binha. Hi kienet trid tgħix maqtugħa mill-klassi ż-żgħira u żżomm ruħha fuq min hu inqas minnha "Dari dar tal-ġieħ u mhux sptar għall-ilsiera, għat-tallaba, romol u issa għall-iltiema wkoll." Il-Kelma t'Alla kienet taqraha iżda le tgħixha. Ebda tqanqil u ġibda ta' mħabba ma kienet tħoss għall-bdiewa li binha kien idaħħal f'darha u ebda xaqq ta' ħniena ma wriet lejn dik il-mara fqira u nofsha mejta. L-inkwiet tagħha ma kienx minħabba s-sura ta' dik l-imsejkna iżda ċ-ċaflis ta' ġol-kamra "Ċappastuħuli kollu tajn". L-espressjoni "Vara sabiħa imma bla ħajja" tiġbor fil-qosor is-sbuħija u l-binja mġissma u twila flimkien mal-karattru kburi u ta' qalb xierfa tal-Barunissa. Kienet tant mogħmija wara l-ġieħ li mingħaliha biex iżżomm l-isem tal-familja tiċħad lil binha għax tħabbeb ma' bidwija "tgħoddx ruħek b'ibni iżjed u itlaqli 'l barra! Jien noħorġok minn dari u noħorġok mill-wirt". Dan juri biċ-ċar il-karattru żorr, l-egoiżmu u nuqqas ta' mħabba u mogħdrija minn naħa ta' l-omm għal binha. Il-Barunissa baqgħet soda b'din l-attitudni sa l-aħħar ta' ħajjitha fejn sogħbiha għall-imġieba ħarxa tagħha mhux ma' binha biss iżda ma' l-imsejkna l-oħra li ltaqgħet magħhom f'ħajjitha.

F'dik li hija nobbiltà tal-maturità x-Xiħa ta' Wied Għafrid għalkemm tgħix f'gorboġ imwarrab, mgħoddija bħala saħħara u ħabiba tax-xitan, b'ġisem ikrah, wiċċ ibeżża' u daħka tkexkex u l-armla ta' Vangu jisbqu lill-Barunissa. Ix-xiħa kienet tgħir għas-sinjur imxaħxaħ waqt li hi kellha tbati u tinħaqar. L-armla wkoll kellha taħdem u

taqla' fuq wiċċha biex tgħix hi u wliedha. Iżda minkejja t-tbatija u l-għaks ix-xiħa kellha qalbha tħabbat bl-imħabba għal binha marid u l-armla fl-aħħar nifs ta' ħajjitha baqgħet issemmi lil uliedha li kienet taf li ma kien baqgħalhom lil ħadd tal-familja rispettabbli biex jieħu ħsiebhom.

Il-maqlub tal-karattru mimli għadab, saħta, ġuħ, kruha, fiżika u morali tax-xiħa ta' Wied Għafrid insibu l-karattri ta' paċi, ġmiel u mħabba tax-xbejbiet Pawlina, il-Halwenija, Ester u Bice.

Pawlina, raħlija ta' tmintax-il sena kienet ħelwa "ħaddejn il-qronfla" imdorrija fl-għelieqi mimlija b'saħħa u ġmiel li serqet qalb Alessandru, iben nobbli. Ma' l-imħabba kellha d-don tal-mistħija u l-umiltà li aktar kattrulha ġmielha. Dan id-don joħroġ meta Alessandru bagħat joħtobha. Pawlina b'onesta u sodizza laqgħet lil Royas li kien ilu jfittxilha l-passi tagħha. "Sabiħa fil-qilla tagħha Pawlina donnha saret mara oħra donnha saret waħda minn dawk in-nisa li l-istorja żammet bħala nisa ta' qalb u ta' ħila." Pawlina bil-kuraġġ u l-qlubija li wriet fit-taqbida mal-Franċiżi ħeġġet mhux biss nisa oħra iżda wkoll l-irġiel "l-ispirtu tal-mara Maltija daħal fil-ġisem ta' Pawlina u l-irġiel ħassu ħierġa minnha qawwa kbira, il-mewt ma' ġenb tfajla bħal din dehret sabiħa".

Ermelinda tfajla Spanjola wkoll turi kuraġġ ta' tfajla f'ċirkostanzi differenti. Ermelinda qatlet mhux għall-imħabba ta' art twelidha imma biex tivvendika ruħha minn dak li daħak b'imħabbitha. Hi sa tasal biex wara li toqtlu ttemm ħajjitha.

Il-Halwenija, tfajla Għarbija, l-ilsira tal-Barunissa għalkemm ta' lewn samrani wiċċha kien jiġbdek bil-ħlewwa tiegħu. Hi kienet titkexkex minn sidtha iżda wriet ħniena kbira għall-armla fqira u wliedha. Id-dehra tad-Duluri kienet tant impressjonatha li baqgħet sa ma saret soru bl-isem ta' Dolores u għexet ħajja ta' sliem u mħabba.

Ester, Lhudija żagħżugħa u sabiħa b'għajnejha kbar u binja għolja minħabba r-regħba u l-ħżunija ta' missierha kienet titgħabba bilħtija u ġġarrab umiljazzjoni, swat u tħaġġir iżda ebda kelma ta' ġlied ma kienet tlissen kontra missierha. Minflok, b'sinċerità u mħabba tistqarr "Missieri qatt ma jsawwatni. Huwa jħobbni". Ġieħ missierha qatt ma kasbritu. Din it-tfajla ġwejda sabet bħal Halwenija, il-faraġ fil-kwadru tad-Duluri. Infatti baqgħet sa ma saret nisranija.

Il-karattru ta' Bice ma' tul ir-rumanz nistgħu naqsmuh fi tnejn. Qabel l-inkwiet ta' ħuha kienet qisha pupa ħsiebha fil-pjanuforti, il-bies u xalar u wara l-mewt t'ommha tbiddlet f'oħt li tifhem, tagħder u tħobb. Iżda fiż-żewġ stadji hi ma "fittxitx tfixklu, tgħajjat mie-

għu, iċċanfru jew inkella tnassu mal-mamà".

Il-kuntrasti ma nsibuhomx biss bejn il-karattri prinċipali iżda wkoll bejn il-karattri sekondarji, bejn Zaldu u Indri', żewġ qaddejja differenti għal kollox. Zaldu kien dejjem ifittex il-ħbiberija ta' min jaħkem. Hu kien bniedem b'a qalb u ma jimpurtah minn xejn basta l-iskop tiegħu jirnexxi. Zaldu kien imqabbad minn Royas biex ixerred xnigħat qarrieqa kontra Pawlina biex joħloq inkwiet u dwejjaq bejn Pawlina u Alessandru.

Indrì minn naħa l-oħra jagħti ħajja lir-rumanz bit-tjubija tiegħu fil-qadi għal ħbiebu Alessandru, Des Flores u Ġanni. Hu kien qabeż għal ġieħ Pawlina li kien iħobbha daqs li kieku bintu. Għalkemm fqir u bla skola Indrì qalbieni Malti jagħti l-għajnuna minn qiegħ qalbu u juri snienu meta xi ħadd jipprova jkasbarlu ġieħu. Dan il-karattru twajjeb jirrappreżenta l-biċċa l-kbira tal-poplu Malti f'dawk iż-żmenijiet.

Kuntrast ħlejju joħorġu tajjeb Aquilina fl-element tat-tfal. Ix-Xitan li ismu stess jixhed l-imġieba mqarba ta' tifel imħol i jiġġerra mċaħħad mit-trobbija u l-għożża nisranija tal-familja waqt li Spiru, ħu Pawlina, kien taħt il-ħarsien ta' oħtu u l-ġenituri iżda mgħallem it-tagħlim tar-reliġjon bl-amment. "Le, dan iż-żunżan tiegħi għax jiena qbadtu minn fuq il-ġibjun u mhux il-Bambin."

It-tpinġija tal-karattri mill-pinna tal-kittieb hija ferm importanti għal kull xogħol letterarju. Il-karattri jiffurmaw il-qafas li fuqu tinbena l-istorja u jekk il-kuntrast tal-karattri jfalli l-livell letterarju tar-rumanz jaqa'. Fuq dan il-punt naħseb li Aquilina f'"TAHT TLIET SALTNIET" irnexxielu joħroġ it-tajjeb u l-ħażin li jinsab fil-maġġoranza tan-nies tad-dinja.

---

## TISWIJA

Jisgħobbina il fil-poeżija "F'Jum Dun Karm 75" ta' Ġużi Cardona qabżu dawn l-iżbalji. Aqra:

vers 3

Tgħid tifraħ b'dal-progress ta' vilel għonja

vers 7

ta' qima lill-Mulej u l-amar tiegħu

vers 19

is-saħħa għall-ħaddiem int xtaqtha dejjem.

# Reċensjonijiet

**BERAQ U QAWSALLI ta' Ġ. PISANI. A.C. Aquilina & Co. pp. 258; 1976.**

Sa fl-aħħar Għawdex għandu r-rumanz tiegħu, kollu kemm huwa tiegħu: **Beraq u Qawsalli** tal-kittieb ewlieni Ġorġ Pisani. Il-karattru ewlieni ta' dan ir-rumanz mhux wieħed jew waħda mill-karattri li mit-tlaqqigħ tagħhom toħroġ il-milja tal-istorja tiegħu, iżda l-gżira ta' Għawdex bl-ikraħ u s-sabiħ tagħha, fi żmenijiet mhux 'il-bogħod wisq — iż-żmien taż-żgħożija tal-kittieb innifsu. Hawnhekk għandna l-atmosfera tal-ħajja Maltija u Għawdxija li qed tħallina — il-ħajja ta' l-egħlieqi, il-knejjes, il-festi, il-ħwienet ta' l-inbid u l-kafe' — ħajja sempliċi, imsejsa fuq l-intriċċi tax-xogħol ta' kommunità li taqla' x'tiekol mill-art u l-bſedja, il-ħajja tan-nies "meħdija tqasqas fuq in-nies", fejn il-Kappillan għadu jista' jitla' l-pulptu għall-għanijiet ta' rasu. Tul ir-rumanz kollu tonqos in-nisġa mqal-lba, mgħaġġla tar-rumanz internazzjonali ta' żmienna. Il-kittieb ma jħobbx jeħles mid-deskrizzjoni tal-inċident ħafif; iħobb ifittex id-dettal tad-deskrizzjoni li tinħass ittaqqal il-mixja tal-istorja għall-qarrej bla sabar ta' żmienna.

L-istorja tar - Rumanz hija ġrajja oħra ta' mħabba qalila — ta' Romeo u Ġuljetta, bil-ġlied tal-familji tagħhom li hawnhekk jassumu l-proporzjon ta' żewġt irħula. Jista' jkun, għad li l-kittieb igħidilna li "l-istorja .. (hija) fittizja, mistħajla u immaġinarja" li kienet imqanqla u mnebbħa fih mit-tilwimiet bejn parroċċa u oħra li ħakmu l-ħajja Għawdxija fl-aħħar għoxrin sena.

Ir-rumanz jolqtok bil-mod naturali tal-iżvolġiment tal-istorja mingħajr soluzzjonijiet diżastrużi bħal dawk tal-istorja ewlenija ta' Romeo u Ġuljetta. Mhemmx filosofiji u profonditajiet ta' ħsebijiet, imma hemm tpinġija dettaljata u milquta tas-sentimenti fundamentali tal-bniedem ta' l-art li joħorġu mill-karattri mqaxxrin li jġibilna quddiem għajnejna. F'dan is-sens ifakkrek fil-kittieb Hardy fil-Letteratura Ngliża. B'dana kollu ma tistax ma tħossx il- kuntrast li hemm bejn it-tranja kollha realista tar-rumanz u l-aħħar taqsimiet tiegħu fejn isib is-soluzzjoni għall-problema soċjali tar-rumanz fl-artifiċjalità tad-deni rqiq u t-terremoti wieħed wara l-ieħor sakemm jasal fejn irid iwassal lill-karattri u lill-Għawdex tiegħu. Din l-artifiċjalità toħloq l-element, illum imwarrab għal kollox fil-letteratura, tad-"**deus ex macchina**" Is-soluzzjoni tinsab, mhux kif tinsab fil-ħajja, iżda bl-indħil dirett taċ-ċirkostanzi li għad li jistgħu isiru, x'aktarx li ma jsirux fil-ħajja ta' kuljum. Kemm id-deni rqiq, kemm it-terremoti, ukoll ħamsa wara xulxin, huma possibbli, imma mhux probabbli, iktar u iktar li nafu mill-istorja taż-żmien li fih suppost li r-rumanz jiżvolġi ruħu, li bħala dati ta' storja ma kinux minnhom.

Iżda jista' jkun li dan il-kuntrast qiegħed hemm għal tal-apposta. Sa qisu t-tmiem tar-rumanz il-kittieb kien uriena li hu kittieb realista u li kien qiegħed ifittex soluzzjoni realista; iżda l-kittieb persważ li soluzzjoni realista għall-problema tar-rumanz ma hawnx: Jista' jkun li Ġ. Pisani ried ifisser ċar li mhemmx tama ta' soluzzjoni għajr billi taqta' ż-żarda u tintelaq fi ħdan l-indħil dirett tas-setgħat tal-ħolqien li jwerwru lin-nies biex, iridu u ma jridux, isibu soluzzjoni fl-aħjar dawl tat-tagħlim nisrani — li ma setax jonqos bid-dħul u l-ħruġ tal-

patrijiet, il-kappillani, il-knejjes u l-kunventi li fih ir-rumanz. Imma li dan kien hekk konna nistennew li l-kittieb jagħżel ċar it-tranja tar-rumanz mill-fehmiet personali tiegħu. Imma bħall-kittieba tar-rumanz Malti tradizzjonali huwa jfittex li ma jindaħalx bejn l-istorja li qed jiirrakkonta u l-qarrej; iħalli l-implikazzjoni toħroġ waħidha għall-qarrej li jrid ifittixha u jaraha. M'hemmx tama għall-ġlieda bejn Ħal-Berqa u Ħal-Qawsalla ħlief waħda artiifiċjali li jeħtieġ nagħmluha prattika fl-interess tal-paċi u tal-imħabba soċjali tan-nies li jgħammru fihom. L-istorja kellha tagħlaq biż-żwieġ ta' Franġisku u Marija u l-kittieb issubordina kollox għal dan il-ħsieb u għal dak tal-paċi tar-ruħ li għandha tifhem l-imħabba tal-proxxmu fejn kellha twassal fil-prattika ta' kulljum.

Lingwistikament ir-rumanz miktub bi kliem li huwa mera ta' kif il-proża Maltija tajba għandha tinkiteb. Il-Malti magħżul sabiħ mingħajr tiġbid jew tqanżiħ. It-taħlit tas-saffi, semitiku u rumanz, huwa interessanti, ma jibżax mill-kelma ta' nisel rumanz, imma jinqeda biha jekk tassew daħlet fil-Malti u qagħdet għall-forom Maltin. Lis-saff anglosassonu jaħirbu kemm jiflaħ għad li fl-aħħar mitt pagna jinħass x'aktarx iktar milli jinħass fl-ewwel mija u ħamsin. B'danakollu hemm espressjoni li jħobb jinqeda biha ħafna, li ma tidherx li hija idjomatika fil-Malti, li tistona fil-widna "**Iktar kemm** beda .... **iktar** in-nies bdiet tiżdied..."

Stampat b'tipi komdi għall-għajn, fuq karta bajda sabiħa fl-**Orphans Press**, Għajnsielem, Għawdex stess, b'disinn fil-qoxra li mill-ewwel jaqbad ir-ruħ tr-rumanz ta' Carmel Grech Attard, dan ir-rumanz żgur li għad jibqa' interessanti mhux fih innifsu biss; iżda iktar u iktar billi juri kif poeta ewlieni li daħal għal diversi għamilet tal-Letteratura Maltija mid-drama, għan-novella, għall-**essay**, kellu l-fibra wkoll li jidħol għall-kitba ta' rumanz.

**W.P.G.**

**"FIT-TRIQ TAL-EMPIREW" (DOREEN MICALLEF, pp. 51, 1975)** hija ġabra ta' poeżiji li minkejja fid-diversità tagħhom huma marbutin b'ħajta rqiqa li għalkemm ma tidhirx twassal il-ħsieb mill-bidu ta' qtigħ il-qalb sal-quċċata mixtieqa ta' serħ il-ħsieb u l-hena tar-ruħ.

Il-vrus ta' kull poeżija, jew aħjar tajfa ta' vrus, għandhom l-għan ikunu d-distillazzjoni ta' ħsus kbar u profondi tar-ruħ, distillazzjoni li tasal biex tixbah lill-"astratt" tal-pittura. Eżerċizzju mentali bħal dan jista'.malajr jinżel fuq il-karta, iżda biex ikun ukoll eżerċizzju artistiku jitlob u jeħtieġ wisq aktar esperjenza lingwistika, użu iktar konxju ta' xbihat li meta mqar ikunu paradossali jkunu paradossali bi ħsieb u mhux għax ġew hekk: inzertaw ġew hekk.

Inkella kull "qrara" fuq id-divan tal-psikjatra, li tingħad f'sentenzi li ma jagħmlux sens, trid tibda titqies bħala poeżija. Irid ikun hemm ċerta qawwa fl-għażla tal-kliem li fih innifsu jkollu tixbihat li jiġu faċilment fil-moħħ tal-qarrej; inkella jekk ma jiġi assolutament xejn f'moħħ il-qarrej ma jibqa' l-ebda skop għall-pubblikazzjoni tal-poeżiji.

Għax hawn Malta fejn min għandu ftit tal-melħ jaf idabbar rasu u jaħrab imqar jekk ikun qatel, il-mistifikazzjoni ħafna drabi taf tingħadd bħala "arti ermetika" u ħafna jibdew iħossuhom jibżgħu jgħidu li ma hix arti.

Għedt dan kollu biex kull qarrej iħossu ħieles li jikkritika fejn ma jogħġbux f'din l-għamla ta' poeżija, sabiex ma jiġrix il-kuntrarju ta' li kien jiġri qabel. Qabel, kull poeżija jew kitba oħra li kellha xejra ta' ħelsien mill-madmad tal-prosodija "tradizzjonali" kulħadd, jew kważi kulħadd, kien ixammar imnieħru quddiemha. Jekk il-pendlu jitbandal għall-estremità l-oħra, ma nkunu għamilna l-ebda pass 'il quddiem fl-apprezzament ta' l-arti vera.

Ngħid għalija hemm bosta ħwejjeġ li għoġbuni f'dax-xogħol ta' Micallef, bħal ngħidu aħna x-xbiħat milqutin li jidhru 'l hawn u 'l hinn matul il-versi. X'ma għoġobnix kien hemm ukoll. L-ewwelnett id-daħla tal-kittieba nnifisha. It-tifsira tagħha setgħet daħħlitha artistikament fil-kwadru ta' kull poeżija fl-għamla ta' "L-Argument" li minħabba fil-karattru tal-poeżiji, karattru bil-mod "stramb" modern klassikeġġanti kien joqgħod ħafna. M'għoġbunix id-"dediki" qabel kull poeżija; rajthom mgħobbijin wisq bis-sentimentaliżmu li donnu jaf jieħu d-dehra ta' "opportuniżmu" li l-ideja tiegħu ma taqbilx mal-karattru tal-kontenut tal-poeżiji. Dwar l-inklużjoni tat-traduzzjoni fit-Taljan ta' waħda mill-poeżiji lanqas irrid nitkellem.

Sabiex igħinu l-qarrejja jifhmu aktar il-poeżiji hemm studju ta' Oliver Friggieri u kummentarju ta' Peter Serracino-Inglott. **S.F.**

**"AĦJAR BAQA' JOĦLOM" ta' Anton Grasso, 1975, pp. 154.**

Dan hu t-tieni ktieb li ż-żagħżugħ kittieb Anton Grasso ħareġ f'dawn l-aħħar sentejn jew tlieta. L-ewwel wieħed 'ILJIELI BLA QAMAR' li jiġbor fih għadd sabiħ ta' ġrajjiet tal-biża' kien ingħoġob u mfaħħar qatigħ għaliex l-istejjer kienu tabilħaqq minsuġa tajjeb u, fuq kollox, l-istil tal-kitba bil-Malti kien ukoll mill-aħjar.

Dwar dan it-tieni ktieb ta' Grasso ngħid bla tlaqliq li għoġobni u laqatni mhux ftit. Malajr intbaħt li f'dan iż-żagħżugħ hemm maturità ta' ħsieb kif ukoll sengħa kbira fil-kitba. U jekk f'dawn l-aħħar snin nibtu rumanzieri tajbin f'il-sienna — bħalma huma Trevor Zahra, Frans Sammut u J.J. Camilleri — inħoss li Anton Grasso għandu jitqies wieħed minnhom. Jiġifieri kittieb modern fis-sens sħiħ tal-kelma. U min jaqra dan ir-rumanz u jkun sinċier fil-ġudizzju tiegħu għandu żgur jaqbel mal-fehma tiegħi.

L-istorja soċjali li niseġ Grasso għandha bħala karattru ewlieni lil wieħed żagħżugħ raħli jismu Nettu li minħabba r-rieda ferm dgħajfa tiegħu (**inferiority complex**) u d-destin kiefer li sab imħejji għalih sa minn twelidu, imħalltin ma' l-ambjent raħli fejn in-nies tilħaq wisq salib xulxin, baqa' biex ħareġ minnu xorta ta' bniedem imsejken u minsi, tellief, imnikket biex ma ngħidx ukoll id-disprat. Iż-żagħżugħ kien joħlom wisq, igħix il-ħin kollu fis-sħab, jistenna l-bajtra taqa' f'ħalqu, joqgħod dejjem għall-kmand ta' l-oħrajn, jistenna li ħadd-ieħor imexxih minn idu u dejjem jara kif jinħeba minn għajnejn il-kotra. U żagħżugħ ta' din il-għaġna, mingħajr inizzjattiva u b'kuraġġ ta' dudu, ma tistax tistenna jew tittama li jirnexxi fil-ħajja. Għalhekk, Nettu baqa' dejjem jinħaqar fix-xogħol, bla ħabba fil-but, tellief fl-imħabba u mħabbel sħiħ fil-ħajja tar-ruħ. Imqar id-don li Alla għoġbu jagħtih, dak tal-pittura, ra kif mewtu fih u ttraskurah hekk li baqa' qatt ma ħa l-isem u l-fama li sata' kiseb kieku kien iktar għaqli.

Ma nafx jekk hawnx żgħażagħ li fihom jispikka daqs f'Nettu dan l-aspett fil-ħajja: il-ħolm (**daydreaming**). Jista' jkun li hawn. U biex Grasso jurina li din tista' tkun ħaġa minnha, qies u saħaq kemm felaħ fuq din il-ħaġa. Pinġa lil dan iil-karattru prinċipali tar-rumanz tiegħu bħala l-ħalliem **par excellence** u rnexxielu. Fi kliem Dun Girgor, il-Kappillan, lill-Isqof (paġna 111):

"Nettu qiegħed f'dinja fejn la jista' jbati u anqas jitnikket. Xi drabi jħoss il-bżonn li jidħol fiha. Illum waħda minnhom."

Barra minn hekk, imma, lili dehritli tispikka sħiħ f'Nettu l-imħabba. L-imħabba bħala virtù, l-iżjed dik lejn il-proxxmu li kienet ferm qawwija fih; l-imħabba bħala vizzju, dik sesswali li minħabba l-ġisem ta' tfajla jitlef għaqlu u s-safa ta' ruħu. Narawh iħobb b'qalbu kollha lil zijuh Pawlu ukoll jekk dan qatt ma temgħu tajjeb anzi ħarqu fix-xogħol kemm felaħ; lil Sunta, il-qaddejja mhix ċkejkna tal-Kappillan li kienet tqisu bħal binha; lil Dun Girgor li xtaq jagħmel minnu qassis u dejjem laqgħu b'idejh miftuħa beraħ; lil ommu li biex, mingħaliha teqred it-tebgħa ta' ħtijietha, temmet ħajjitha ħesrem; saħansitra lil oħtu Ċettina li baqa' ma jafx minn hi għal bosta snin; u fuq kollox lil ħabibu Kalanġ li kien iwieżnu bil-pariri u bil-flus biex sata' jħoll xi ftit mill-problemi ta' ħajtu. U narawh ukoll iħobb b'kilba żejda u ferm żienja liż-żewġ tfajliet li tawh wiċċi l-ewwel lejn Kolina u wara lejn Anni. Dak il-bews u t-tgħanniq u t-tmellis bla rażan ma' satax ma jwasslux għal naħa waħda — il-mewt bikrija tal-waħda u l-qerq sfaċċat ta' l-oħra. Ġralu lil Nettu bħal ma jgħid il-Malti: 'Min jipprova jiekol b'żewġ iħluq jixraq' u min irid jaħtaf ħafna, qisu wieħed miklub, jispiċċa biex jibqa' bir-rieħa. Mhux hekk biss, talli n-nuqqas ta' esperjenza fil-ħajja wasslu biex tilef lil dik li kienet tassew tħobbu (KOLINA) u ħata wkoll għall-qerda ta' saħħitha u t-tmiem tagħha fil-qabar, kif ukoll għat-telfa ta' l-oħra (ANNI) li bidlitu malli sabet ruħha ma' wieħed aktar sod minnu. U kien ħaqqu tabilħaqq!

Ħaġa oħra li nixtieq infaħħar fi Grasso hija l-ħila li għandu biex jiddeskrivi xena wara xena fl-ambjenti differenti sewwa dawk tar-raħal kif ukoll dawk tal-belt. Ma' dawn jiżdied id-djalogar naturali li jissokta jagħni dan ir-rumanz. Taqra u titgħaxxaq. Dak li forsi ħassejtu jistona f''widnejja hu l-għażla ta' ċertu kliem barrani li bi ftit ħsieb sata' kien aktar Malti p.e. **ovvja, solitarju, konxji, ixolji, klimax, folti, passabli** ecc. Nistqarr li lili dawn dejquni għax nemmen u nħoss li fejn għandna kelma Maltija din għandna nużawha dejjem flok dik barranija.

Xi drabi wkoll Grasso juża kelma li min għalih qed taqdi l-ħsieb tiegħu meta fil-fatt ma tkunx, p.e. f'paġna 139, naqraw hekk:

Id-dinja tal-belt kienet ilha li nbidlet. In-nies kien **ifantashom** kif jaf jew kif jismagħom igħidu. Il-belt u r-raħal kienu jagħmlu l-isbaħ kuntrast.

Hawnhekk il-kelma **'ifantashom'** (minn fantasija) mhix dik tajba li trid tkun **'jiffantastikahom'** għax kif inhi tfisser 'idejjaqhom' għax **ifantas** tfisser idejjaq.

U ġieli juża kelma p.e. **pala,** f'paġna 114, li wisq aħjar minnha setgħet kienet il-kelma **zappuna** għaliex fir-raba, hawn Malta, din hi l-għodda li nużaw biex naħdmu fl-egħlieqi. Jew inkella, f'paġna 17 Grasso juża l-frażi **'mistħi daqs pep-rin'** li ma naħsibx li ngħidu bil-Malti; u wkoll f'paġna 125 il-kelma **jmoxxha (!)** li hi aktarx żball ta' l-istampa u li trid tiġi **jxommha.**

Tgħiduli dawn li qed isemmi huma ntietef żgħar. Tajjeb. Nieqaf hawn u ma nsemmix iżjed bħal, ngħidu aħna, kif it-tfajla Anni, il-qaddejja l-ġdida tal-Kappillan taħsel l-art fil-Milied imqaddes ġo dar il-kappillan stess, jew inkella l-kunfidenza kbira li kellu Nettu ma' l-Isqof hekk li kien jidħol għandu bla xkiel ta' xejn. Dawn, naqbel magħkom jekk tlumuni, huma tikek żgħar li ma jagħtux wisq fil-għajn u jħallu l-karta bajda u sbejħa bħalma hi.

Imma, ma niqafx qabel ma ngħid l-aħħar kelma. Il-mod kif l-awtur jiddeskrivi f'xi waqtiet l-imħabba u l-ġesti eżeġerati bejn Nettu u t-tfajliet li ħabb, l-iktar it-tmellis żejjed fejn m'għandux ikun, ħassejthom idejquni ukoll jekk jien illum bniedem magħmul. Bħallikieku llum biex tikteb u togħġob lill-kotra tal-qarrejja trid iżżid dik id-doża tas-sesswalità li saret ferm irħisa fost l-awturi moderni, għax inkella ma tkun xejn naturali fil-kitba tiegħek. Ma naqbilx. Il-qarrej serju ma jiżinx il-kobor ta' rumanz mit-tqanqil tal-passjoni imma mill-benna li jħoss nieżla f'qalbu meta jara l-kobor tal-karattri li jinġsu l-ġrajja, is-sengħa u l-ħila fl-espressjoni u d-deskrizzjonijiet naturali, u meta jħossu jistagħna fil-ħsieb. Jiġifieri jkun tani gost naqrah mill-bidu sat-tmiem mingħajr ma l-kuxjenza rqiqa tiegħi tħossha mdejjqa xi ftit kemmxejn.

Mill-bqija, Anton Grasso bil-ktieb tiegħu 'AĦJAR BAQA' JOĦLOM' niseġ rumanz qawwi u ta' siwi li jista' jkun mera ċara tal-ħajja letterarja li l-awtur għandu mifruxa quddiemu. U dan li jferraħni l-aktar għax nintebaħ kemm il-ġejjieni tal-letteratura Maltija fil-qasam tar-rumanz għad jista' jkun għani u kbir.

**7.6.76** **PAMIZA**

# Versi

Mulejja d-dinja ħżienet!
— u jien miniex xi tajjeb —
Iżda l-baħar imqalleb madwari
qiegħed ibeżżagħni.

Tant hawn maskri madwari jogħlew
li qegħdin iħawduni.
Agħtini l-għajnuna
biex qatt ma nxedd maskra ma' wiċċi.

Mulejja, jien dgħajjef!
Urini f'dal-lejl ta' maltemp
ftit dawl.

Ftakar, Mulejja,
li tajjeb miniex.

**ALFRED MASSA.**